# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.8

## Kap 4: Il-paċi sabiħa

## Lezzjoni 4.10: Ngħix tajjeb

## L-Għanijiet:

**It-tfal:**

1. Jirrevedu dwar l-importanza ta' xi tfisser tkun ma' Ġesù tassew.
2. Jiġu konxji ta' kif għandhom iġibu ruħhom biex juru dan.
3. Jifhmu x'għandhom jagħmlu biex jgħinu lil sħabhom ħalli huma wkoll ikunu bil-għaqal.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Interactive Whiteboard
- Karta ta' Taħriġ 4.8
- Vidjow tal-kanzunetta 'Every Move I Make'



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal dwar il-lezzjoni preċedenti dwar x' kienet, x'tgħallmu eċċ. Irrevedi ftit fuq fuq is-sagramenti tal-qrar u tal-Ewkaristija kif iridu jippreprаw għalihom eċċ.
- Ħeġġeġ lit-tfal biex jirriflettu ftit dwar l-imġiba tagħhom. Għidilhom jagħlqu għajnejhom u jaħsbu dwar dak kollu li għamlu lbieraħ u ma jħallu xejn barra.
- Staqsihom jekk hux affarijiet tajbin biss għamlu u jekk le jaħsbu sew dwar li għamlu ħażin. Kompli elabora u staqsi x'jaħsbu li Ġesù jrid minna u kif iridna nġibu ruħna.
- Spjega li matul din il-lezzjoni se jitgħallmu dwar kif għandhom iġibu ruħhom u x'jistgħu jagħmlu biex verament jgħixu l-Ewkaristija.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Għid lit-tfal biex isemmu affarijiet tipiċi li jagħmlu huma u tfal oħra kemm tajbin u kemm ħżiena, bħal ngħidu aħna - nilagħbu flimkien jew xi ħadd ipatti lil ħaddieħor eċċ. Għidilhom biex ikunu ġenerali u li l-iskop tal-lezzjoni mhuwiex li tiġġudika u tkun taf x'jagħmlu ħażin. Dak jaraħ Ġesù. L-affarijiet kollha li jgħidu t-tfal niżżilhom fuq l-*interactive whiteboard* .

- Meta jkunu lesti ddiskuti mat-tfal liema minn dawk l-affarijiet juru li vera dak li jkun qed jgħix l-Ewkaristija u qabbad lit-tfal biex jiġu jimmarkawhom.

- Issa staqsi lit-tfal liema minn dawk l-affarijiet tajbin ġieli għamlu huma u jekk hemmx xi affarijiet tajbin li jixtiequ li jibdew jagħmlu, per eżempju, li jmorru l-quddies fost il-ġimgħa ukoll eċċ.

- Wara d-diskussjoni qasira ħassar kollox minn fuq il-*board* u qassam lit-tfal fi gruppi, issettja t-*timer* għal xi 5 minuti. Agħtihom biċċa karta u għidilhom biex jiddeċiedu min se jikteb; xi ħadd f'kull grupp. Għidilhom li f'dan il-ħin stipulat iridu jiktbu lista tal-affarijiet tajbin li tfal jistgħu jagħmlu li juru li qed jgħixu l-Ewkaristija. Min ikollu l-itwal lista ta' affarijiet tajbin, ikun it-tim rebbieħ.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.8 u spjega s-silta mogħtija.

- Iddiskuti Attività 1 mat-tfal u oħloq diskussjoni dwar is-sitwazzjonijiet mogħtija. Ħalli t-tfal jimmarkaw t-tajbin.

- Spjega Attività 2 u bħala klassi jimmarkaw il-kliem it-tajjeb.

- Iddiskutu mat-tfal is-silta dwar Matthew u aħdimha bħala klassi..



**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Imġiba tajba trid tintwera mill-mod kif ngħix.
2. Inkun ma' Ġesù tassew billi nagħmel dak kollu li hu mitlub minni.
3. Irrid ukoll niltaqa' ma' Ġesù billi mmur nitqarben.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)




- It-tfal jgħinu lil xulxin biex isiru aħjar.
- It-tfal jirċievu l-Ewkarisija bil-ferħ u juru li jixtiequ jgħixu skont dak li jagħmlu.

.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ikklonkludi l-lezzjoni billi tkantaw il-kanzunetta 'Every Move I Make'.



## Nitolbu

O Ġesù, għinni int sabiex b'dak li ngħid u nagħmel inkun qed ngħix l-Ewkaristija.

